



Brussell, 17 ta' April 2023
(OR. en)

7947/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0411(COD)**

**CODEC 523
IXIM 67
ENFOPOL 141
JAI 383
COMIX 158**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal- Istati Membri, li tħassar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI (l- ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-8 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 87(2), il-punt (a) TFUE.
2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fis-7 ta' Marzu 2022².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Mejju 2022³.
4. Fil-15 ta' Marzu 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ 14205/21 + ADD 1 sa 3.

² ĠU C 154, 8.4.2022, p. 7–9.

³ ĠU C 323, 26.8.2022, p. 69–76.

⁴ 7378/23.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill⁵ japprova, bl-astensjoni tal-Awstrija u tal-Ġermanja, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 70/22, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
6. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum għal din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁵ Id-Danimarka mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.